

**ASSOĊJAZZJONI
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-ĠORDAN**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

**Brussell, 25 ta' Mejju 2022
(OR. en)**

**UE-RHJ 3304/22
ADD 1**

NOTA

Suġġett: ANNESS għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI
UE-Ġordan dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan għall-2021-
2027

Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027**INTRODUZZJONI**

L-UE u l-Ġordan għandhom sħubija b'saħħitha. Il-Ġordan huwa sieħeb ewlieni tal-UE, u l-UE tapprezza ħafna r-rwol importanti ta' moderazzjoni li għandu l-Ġordan f'ir-reġjun. Bil-għan li tissaħħaħ ulterjorment ir-relazzjoni soda u b'ħafna aspetti bejn iż-żewġ sħab, ġew identifikati prijoritajiet sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan, li se jservi bħala gwida għas-sħubija għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan jinkorporaw l-għanijiet kondiviżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' żona komuni ta' paċi, prosperità u stabbiltà. Jinkorporaw il-karatteristiċi ewlenin tagħha, id-differenzazzjoni u s-sjieda konġunta, iżda anke flessibbiltà li tippermetti l-adattament għaċ-ċirkostanzi li jevolvu kif miftiehem bejn l-UE u l-Ġordan. Barra minn hekk, jaqblu mal-aspirazzjoni ddikjarata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u tal-11 ta' Diċembru 2020¹ għal Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u aktar prosperu bħala prijarità strateġika għall-UE.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jinkorporaw ukoll l-oġettivi tal-Aġenda l-ġdida, ambizzjuża u innovattiva għall-Mediterran, stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Konġunta u tar-Rappreżentant Għoli dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar tad-9 ta' Frar 2021², u fil-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar tas-16 ta' April 2021³, li għandha l-għan li tniedi mill-ġdid il-kooperazzjoni u li tirrealizza l-potenzjal mhux sfruttat tar-relazzjoni. Din tappoġġa l-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha tal-inizjattivi ewlenin miftiehma b'mod reċiproku tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar⁴ li se jsaħħu s-sħubija tal-UE mal-Ġordan u se jgħinu biex ikunu protetti l-beni komuni tagħna fil-Mediterran. L-Aġenda l-ġdida toffri opportunitajiet għal sħubijiet ġodda dwar il-prijoritajiet strateġiċi ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali li se jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, il-prosperità u r-reżiljenza. F'dawn l-isforzi, l-UE u l-Ġordan se jibnu fuq is-sħubija mal-Ġordan u l-implimentazzjoni kontinwa tal-aġenda ta' riforma tal-Ġordan. L-UE u l-Ġordan se jkomplu jaħdmu b'mod kostruttiv flimkien bħala l-kopresidenzi tal-Unjoni għall-Mediterran sabiex irawmu sħubija b'saħħitha madwar il-Mediterran.

F'konformità mal-Aġenda l-ġdida, is-sħubija UE-Ġordan se tkompli tkun ibbażata fuq valuri u djalogu komuni, u se tagħmel progress fuq aġenda soċjoekonomika u politika kondiviża, anki dwar ir-riformi u l-implimentazzjoni tagħhom f'oqsma bħall-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni ambjentali u klimatika, l-istabbiltà makroekonomika u l-ambjent tan-negozju. Se timmira għal irkupru ekoloġiku, diġitali, reżiljenti u ġust wara l-pandemija tal-COVID-19, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

¹ EUCO 22/20 tal-11 ta' Diċembru 2020

² JOIN(2021) 2 final.

³ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7931-2021-INIT/mt/pdf>.

⁴ SWD(2021) 23 final

It-tħeġġiġ tal-irkupru soċjoekonomiku sostenibbli fit-tul u l-ħolqien tal-impjiegi fil-Viċinat tan-Nofsinhar huwa prijorità komuni ewlenija u l-pedament innovattiv tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran. Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal dwar Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar anness mal-Komunikazzjoni, li fih il-Ġordan jidher b'mod prominenti, huwa sforz determinat sabiex jagħti sustanza lil din is-sħubija u jiffoka fuq proġetti ewlenin li jsaħħu s-sħubija tal-UE mal-Ġordan. L-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-Aġenda l-Għdida għall-Mediterran se tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Prijoritajiet ta' Sħubija u tikkostitwixxi parti importanti mill-kooperazzjoni tal-UE mal-Ġordan.

Filwaqt li tibbaża fuq il-Komunikazzjoni Konġunta u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha, kif ukoll fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill, l-UE se taħdem ukoll sabiex tgħaqqad l-isforzi tagħha ma' dawk tal-Istati Membri tagħha sabiex tippromwovi inizjattivi tat-Tim Ewropa f'oqsma ewlenin ta' interess reċiproku, filwaqt li tibni fuq ir-rispons ta' suċċess tat-Tim Ewropa għall-kriżi tal-COVID-19 kemm globalment kif ukoll fil-Ġordan.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jikkostitwixxu dokument ħaġ u jimplikaw it-twettiq ta' impenji reċiproċi.

Is-sħubija u l-oqsma ta' prijorità ta' kooperazzjoni se jkomplu jiġu sostnuti billi regolarment isiru **laqgħat politiċi** ta' livell għoli, **djalogi** dwar affarijiet ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, il-kummerċ, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-bniedem, il-proċessi demokratiċi, il-klima u l-ambjent, is-Sħubija UE-Ġordan dwar il-**Mobilità, il-Ftehim UE-Ġordan dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija** u oqsma eżistenti oħrajn ta' kooperazzjoni, l-impenn UE-Ġordan sabiex jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar is-**sigurtà**, anki dwar il-għlied kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu u ċ-ċibersigurtà, kif ukoll il-**kooperazzjoni bilaterali** kurrenti b'appoġġ għall-Ġordan.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jikkonfermaw ir-rabtiet bejn l-UE u l-Ġordan, u jiddefinixxu l-ambitu sabiex jiżdied l-impenn reċiproku.

Il-kuntest kurrenti huwa partikolarment favorevoli għall-konsolidazzjoni tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan, abbażi ta' **objettivi, valuri u interessi kondiviżi fl-indirizzar ta' sfidi komuni.**

Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet aktar pressjoni fuq is-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-ekonomija u toħloq sfidi soċjoekonomiċi sinifikanti. L-UE u l-Ġordan se jibnu mill-ġdid u aħjar wara l-kriżi, permezz, fost l-oħrajn, ta' trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomiji tagħhom, żieda fir-reżiljenza u l-kisba ta' prosperità u ta' opportunitajiet ta' xogħol deċenti b'mod inklużiv għall-komunitajiet tagħhom. L-UE u s-sħab tagħha se jżidu l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, anki abbażi tar-reliġjon jew it-twelmin, u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika bħala parti mill-isforz għal irkupru inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-kriżi tas-Sirja ilha mill-2011 tħalli impatt qawwi fuq il-Ġordan, fuq ir-reġjun kif ukoll fuq l-UE. L-UE u l-Ġordan ikkonfermaw objettivi kondiviżi u interessi komuni fit-tfittix ta' proċess ta' paċi kif ukoll ritorn għall-istabbiltà u l-paċi fis-Sirja. Dan eventwalment jippermetti r-ritorn volontarju, sikur u dinjituż tar-refuġjati. Sadanittant, huwa importanti li jiġu sostnuti l-livelli ta' assistenza u aċċess għall-protezzjoni, għall-edukazzjoni, għall-għajxien u għas-servizzi għar-refuġjati Sirjani fil-Ġordan.

L-UE tirrikonoxxi r-rwol ewlieni li l-Ġordan qiegħed jaqdi fl-areni nazzjonali, reġjonali u internazzjonali u tappoġġa l-impenn tal-Ġordan fis-sistema multilaterali. L-UE tfaħħar l-impenn ġeneruż u kontinwu tal-Ġordan li jilqa' u jipproteġi numri kbar ta' refuġjati li jinkludu Sirjani, Palestinjani, Iraqini, Libjani u Jemeniti, li jkunu qegħdin ifittxu post ta' kenn sikur fil-Ġordan, u li jipprovdihom servizzi ta' edukazzjoni, saħħa, għajxien u protezzjoni soċjali. L-UE se tkompli tassisti lill-Ġordan fl-għoti ta' appoġġ lir-refuġjati li jkunu qegħdin ifittxu protezzjoni fil-Ġordan u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ġordan, inkluż impenn kontinwu sabiex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Bħal qabel, l-appoġġ tal-UE lill-Ġordan għar-rispons għar-refuġjati huwa addizzjonali mal-programmi ta' appoġġ bilaterali. Huwa kruċjali li jiġu miġġielda l-faqar, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, li jiġi pprovdut appoġġ adegwat għall-introjt, aċċess mhux diskriminatorju għall-protezzjoni soċjali f'konformità mal-oqfsa nazzjonali bħall-Istrateġija Nazzjonali għall-Protezzjoni Soċjali tal-Ġordan, li jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir, li jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, u li jiġi żgurat aċċess ekwu għal servizzi ta' kwalità.

Barra minn hekk, il-Ġordan kompla juża sforzi eżemplari u għandu rwol prominenti u bbilanċjat fil-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Ġordan fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti wera li huwa ta' valur kbir. Il-Kopresidenza tal-Ġordan, b'mod konġunt mal-UE, tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), li permezz tagħha jisħaq favur soluzzjonijiet politiċi għal kriżijiet varji fir-reġjun, u l-integrazzjoni u l-iżvilupp reġjonali, ekonomiji sostenibbli, ekoloġiċi, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra u ċirkolari b'użu effiċjenti tar-riżorsi, hija eżempju ieħor tar-rwol ewlieni ta' stabbilizzazzjoni tal-Ġordan.

Il-Ġordan u l-UE se jissoktaw bl-impenn tagħhom fuq l-aspetti kollha tal-migrazzjoni fi sħubija komprensiva, ta' benefiċċju reċiproku u mfassla apposta, u fil-qafas tas-Sħubija dwar il-Mobilità, li tipprovdi qafas koerenti għal azzjonijiet fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-mobilità u tas-sigurtà, tindirizza kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri, tipprevjeni l-migrazzjoni irregolari u l-protezzjoni internazzjonali⁵.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jibnu fuq kisbiet konġunti f'oqsma ta' interess reċiproku, inkluż l-għan li tiġi promossa l-implimentazzjoni kontinwa tar-riformi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà makroekonomika tal-Ġordan, f'konformità mal-prijoritajiet tal-programm rivedut tal-FMI, u b'kont meħud tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Jibnu wkoll fuq il-Konferenza ta' Londra tal-2016 "Supporting Syria and the Region" kif ukoll fuq l-impenji tal-Patt Internazzjonali fformulati mill-Ġordan u mill-koospitanti ta' dik il-Konferenza, li kellhom l-għan li jsostnu l-kisbiet fl-iżvilupp tal-Ġordan fl-isfond ta' assistenza umanitarja kontinwata u appoġġ adegwat għall-komunità ospitanti. Il-ħames Konferenzi ta' Brussell sussegwenti dwar "Supporting the future of Syria and the Region" (L-appoġġ għall-futur tas-Sirja u tar-Reġjun) ġeddew u saħħew l-impenn politiku, umanitarju u finanzjarju tal-komunità internazzjonali li tappoġġa lill-poplu Sirjan, lill-pajjiżi tal-viċinat u lill-komunitajiet ospitanti l-aktar affettwati mill-kunflitt, u rrieżaminaw il-progress li sar mill-gvernijiet, mid-donaturi u min-Nazzjonijiet Uniti (NU) fit-twettiq tal-impenji u l-wegħdiet li saru fihom. Fi sfond ta' vulnerabbiltà estrema kontinwa tar-refuġjati Sirjani u tal-komunitajiet ospitanti vulnerabbli, aggravat ulterjorment mill-pandemija tal-COVID-19, l-UE u l-Ġordan jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li jipprovdu assistenza u protezzjoni effettiva lir-refuġjati kollha fil-Ġordan. Huwa importanti li jittejjeb aktar l-aċċess tagħhom għas-servizzi, li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, u li titkompla l-ħidma sabiex jittejjeb il-potenzjal tagħhom għall-awtodipendenza, u jinħolqu opportunitajiet għalihom sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku tal-Ġordan. Fl-appoġġ għar-refuġjati, inkluż mis-

⁵ https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/default/files/what-is-new/news/news/docs/20141009_joint_declaration_establishing_the_eu-jordan_mobility_partnership_en.pdf

Sirja, l-UE u l-Ġordan se jadottaw approċċ ibbażat fuq il-vulnerabbiltà li jagħti l-attenzjoni xierqa lis-sitwazzjoni tal-komunitajiet ospitanti vulnerabbli.

L-UE tibqa' impenjata li tippровdi assistenza u protezzjoni kontinwi lir-**refuġjati Palestinjani** anki fil-Ġordan. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Ġordan enfasizzaw ir-rwol kruċjali tal-*Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti* għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib ('United Nations Relief and Works Agency for Palestine Refugees in the Near East' - UNRWA) għas-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun, f'konformità mal-mandat tagħha tan-NU stipulat fir-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU, u esprimew l-impenn tagħhom li jkomplu jappoġġaw lill-Aġenzija politikament u finanzjarjament. Huma jirrikonoxxu r-rwol importanti li għandha l-UNRWA u jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw lill-aġenzija fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha fl-oqsma tal-operazzjonijiet tagħha, kif ukoll fir-riformi tal-ġestjoni u tal-governanza għal aktar trasparenza, akkontabbiltà u ġestjoni finanzjarja tajba li l-aġenzija bdiet, u jisħqu mal-komunità ta' donaturi għal finanzjament pluriennali aktar sostenibbli u prevedibbli u għal kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet.

PRIJORITAJIET

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jirriflettu l-interessi kondiviżi u jiffokaw fuq oqsma fejn il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan hija ta' benefiċċju reċiproku. F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill, l-UE u l-Ġordan huma impenjati li jżidu l-kooperazzjoni fuq firxa ta' azzjonijiet fl-oqsma ta' politika ewlenin li ġejjin: it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-interkonnnessjoni/il-parteċipazzjoni fl-ekonomija dinjija, il-bini tal-prosperità u l-isfruttar tal-opportunitajiet tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; l-iżvilupp uman, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; il-paċi u s-sigurtà; il-migrazzjoni u l-mobilità; l-azzjoni klimatika, l-enerġija u l-ambjent.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ġew identifikati tliet priyoritajiet għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027:

L-UE u l-Ġordan se jimmiraw li **jsaħħu l-kooperazzjoni fuq l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu**. L-UE u l-Ġordan huma sħab sodi fil-politika barranija u tas-sigurtà. Il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali se tiġi segwita b'mod bilaterali, f'fora multilaterali, kif ukoll fuq livell reġjonali, anki permezz tal-Kopresidenzi tal-UE u tal-Ġordan tal-UgħM, u billi jittieħed vantaġġ mil-laqgħat annwali proposti bejn il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar, kif ukoll mil-laqgħat ministerjali settorjali possibbli. Huwa fl-interess reċiproku tal-UE u tal-Ġordan li jippromwovu l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun u globalment, billi jaħdmu flimkien fuq il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, f'konformità mad-dritt internazzjonali u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), kif ukoll b'appoġġ għal tranżizzjoni politika u għat-trawwim tal-paċi fis-Sirja, abbażi tar-Riżoluzzjoni 2254 tal-KSNU, fost l-oħrajn. Kemm

L-UE kif ukoll il-Ġordan jaspiraw li jkunu mudelli ta' soċjetajiet tolleranti, raġuni oħra għaliex iridu jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika barranija.

Is-sħubija tiffoka fuq il-promozzjoni tal-irkupru u l-istabbiltà tal-ekonomija, tkabbir ekoloġiku, diġitali, inklużiv u bbażat fuq l-għarfien, il-kwalità tal-edukazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, anki għaż-żgħażaġh, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Gvern, il-Programm ta' Żvilupp indikattiv Eżekuttiv, "Ġordan 2025 – Viżjoni u Strateġija nazzjonali" u l-politiki u l-istrateġiji settorjali. L-appoġġ għandu l-għan li jtejjeb ir-reżiljenza tal-Ġordan fl-indirizzar tal-impatt tal-kriżi Sirjana u l-instabbiltà reġjonali, kif ukoll il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' bini mill-ġdid u aħjar wara l-kriżi.

L-UE u l-Ġordan se jtejjbu l-kollaborazzjoni fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali billi jgħaqqdu l-isforzi sabiex irawmu **t-tkabbir ekoloġiku u t-tranżizzjoni tal-enerġija lejn in-newtralità klimatika** allinjati mal-istrateġija tas-settur tal-enerġija tal-Ġordan (2020-2030) u f'konformità mal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-Ġordan u mal-Pjan ta' Adattament Nazzjonali. Ekonomija tal-Ġordan b'saħħitha, inklużiva, ekoloġika u konnessa appoġġata miż-**żona ta' kummerċ ħieles** stabbilita skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Ġordan u l-UE, l-iskema simplifikata tar-regoli tal-oriġini, u klima ta' investment imsaħħa (permezz ta' riformi ambjentali tan-negozju) u aċċess għall-finanzjament għall-imprendituri u b'mod partikolari għall-*intrapriżi żgħira u ta' daqs medju* (SMEs), anki permezz tat-trawwim ta' djalogu pubbliku-privat u permezz ta' ħidma aktar diretta mas-settur privat, se jaġixxu bħala inċentivi qawwija għall-**ħolqien ta' impjiegi deċenti**. Il-modernizzazzjoni, l-ekoloġizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija se jkomplu jissaħħu b'appoġġ għat-tkabbir xprunat mill-innovazzjoni u mill-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-kooperazzjoni għal konnettività tat-trasport sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti (inkluż il-Ftehim bejn l-UE u l-Ġordan dwar l-Avjazzjoni) u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Trasport fit-tul mill-2015 sal-2030 se jikkontribwixxu wkoll għall-integrazzjoni reġjonali u ekonomika.

Se tingħata attenzjoni speċifika sabiex jiżdiedu **l-impjegabbiltà u l-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh u tan-nisa fl-ekonomija**. Se tingħata attenzjoni bħal din ukoll sabiex jiġu ġġenerati opportunitajiet ekonomiċi sostenibbli u ugwali, anki abbażi ta' **edukazzjoni ta' kwalità għolja u taħriġ vokazzjonali u l-forniment ta' servizzi tat-trasport pubbliku xierqa**, u sabiex titrawwem kultura ta' intraprenditorija u innovazzjoni u tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u diġitali ekoloġika. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati inizzjattivi fis-settur kulturali, inklużi dawk immirati lejn l-iżvilupp ta' industrija kulturali u kreattiva, fid-dawl tal-kontribut sinifikanti tiegħu għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u l-iżvilupp soċjoekonomiku.

L-infurzar sħiħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-ħidma konġunta sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' kummerċ u ta' investment eżistenti se jsaħħu wkoll **l-integrazzjoni tal-Ġordan fis-suq tal-UE** u se jgħallqu opportunitajiet għodda għall-kummerċ, l-investment u l-iżvilupp.

F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali⁶, l-UE se tipproponi **inizjattiva ġdida ta' investment sostenibbli** lis-sħab interessati fil-Viċinat tan-Nofsinhar u fl-Afrika.

Is-sħubija tiffoka fuq li tappoġġa l-isforzi u l-impenn tal-Ġordan favur **it-tisħiħ tal-governanza tajba, ir-riforma demokratika tal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet soċjali u tax-xogħol**. Id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif imnaqqxin fil-liġijiet internazzjonali, reġjonali u nazzjonali, jikkostitwixxu valuri kondiviżi. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxi element essenzjali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ġordan, u tal-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u tal-istabbiltà fil-Ġordan.

Fil-qasam tal-migrazzjoni u l-mobilità, filwaqt li titqies il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil⁷, u l-leġislazzjoni tal-Ġordan, il-progress dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-komponenti differenti tas-**Sħubija dwar il-Mobilità** huwa prijorità trasversali, li se tikkontribwixxi wkoll għall-iżgurar li l-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod regolari u aktar faċli bejn il-Ġordan u l-UE, fost l-oħrajn bil-għan li jittejjeb it-turiżmu, jiġi ffaċilitat l-iskambju għal finijiet edukattivi u jkun hemm interazzjoni mal-komunitajiet ta' persuni mill-Ġordan li jgħixu barra mill-pajjiż tal-Ġordan. Approċċ komprensiv u sostenibbli għall-migrazzjoni u l-ażil, inkluża l-kooperazzjoni għar-ritorn f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, jista' jkun ta' benefiċċju reċiproku għall-UE u għall-Ġordan.

⁶ COM(2021) 66 final tat-18.2.2021

⁷ COM(2020) 609 final tat-23.9.2020

1. TISĦIĦ TAL-KOOPERAZZJONI B'RABTA MAL-ISTABBILTÀ REĠJONALI, IS-SIGURTÀ INKLUŻA L-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

L-UE tagħraf l-isforzi rilevanti kollha li għamel il-Ġordan. L-UE u l-Ġordan jenħtieġ li jkomplu jikkooperaw mill-qrib sabiex jindirizzaw l-instabbiltà reġjonali inkluża t-theddida għas-sigurtà minn Dae'sh u gruppi terroristiċi oħrajn. F'dan ir-rigward, l-UE hija impenjata li tassisti lill-Ġordan fl-isforzi tiegħu sabiex jistabbilizza u jiżgura s-sigurtà tal-fruntieri esterni tiegħu. Kemm l-UE kif ukoll il-Ġordan jappoġġaw il-ħtieġa għal soluzzjonijiet dejjiema u sostenibbli għall-kriżi tas-Sirja f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2015). Il-ħidma sabiex tissolva l-kriżi tas-Sirja jenħtieġ li tkompli fil-fora internazzjonali x-xierqa, u jenħtieġ li titkompla wkoll il-koooperazzjoni fil-kuntest tal-Pjan Direzzjonali tal-UE u l-Ġordan għas-Sigurtà Msaħħa/għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu b'enfasi speċjali fuq proġetti konġunti u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

L-UE u l-Ġordan jenħtieġ ukoll li jintensifikaw il-**"bini ta' relazzjonijiet"** f'kuntesti oħrajn ta' kunflitt, inkluż il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. L-UE tirrikonoxxi r-rwol indispensabbli u kostruttiv tal-Ġordan fl-istabbiltà tar-reġjun u ttenni l-importanza li jinżamm l-*istatus quo* storiku tas-siti mqaddsa f'Ġerusalemm, anki fir-rigward tal-Kustodja Ħaxemita. L-UE u l-Ġordan se jkomplu jinteraġixxu mill-qrib sabiex ifittxu riżoluzzjoni ġusta u komprensiva tal-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ Stati, il-parametri maqbula internazzjonalment u d-dritt internazzjonali. Lil hinn mid-dimensjoni immedjata tal-kunflitt, fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, se jsaħħu l-koooperazzjoni u r-reżiljenza fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-protezzjoni ċivili, itejbu l-ħidma fuq ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u jinvestu f'miżuri preventivi.

L-UE u l-Ġordan huma sħab fil-promozzjoni u fit-trawwim tad-djalogi bejn reliġjonijiet u bejn kulturi, flivelli globali u reġjonali fejn il-Ġordan qiegħed jaqdi rwol ewlieni. L-UE u l-Ġordan se jikkooperaw u se jidentifikaw modi kif jipproteġu u jippreservaw il-wirt kulturali bħala mezz importanti għall-paċi, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli u bħala mezz sabiex jiġu ġġenerati djalogu u inklużjoni pożittivi, u se jipproponu azzjonijiet għal dan il-għan.

L-aċċess għar-riżorsi naturali, b'mod partikolari għall-ilma tax-xorb sikur, se jkun aspett ewlieni ieħor għall-istabbiltà fit-tul. Il-Ġordan u l-UE se jkomplu jikkooperaw sabiex itejbu ulterjorment l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma.

Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u l-ġlieda kontrihom u r-

radikalizzazzjoni jridu jibqgħu fuq nett tal-aġenda. Fid-dawl ta' dan u bħala suppliment għall-politika regolari u d-djalogu tematiku, l-UE u l-Ġordan se jsaħħu l-kooperazzjoni konkreta u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi fl-istat tad-dritt u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-UE u l-Ġordan se jaħdmu flimkien fil-ġlieda kontra l-kawżi ewlenin tar-radikalizzazzjoni, tat-terroriżmu u tal-estremiżmu vjolenti filwaqt li jqisu l-koeżjoni soċjali, ir-rwol importanti tan-nisa u taż-żgħażaġh u tal-edukazzjoni, anki permezz ta' programmi edukattivi miftiehma b'mod reċiproku u l-involviment ta' ambitu wiesa' għas-soċjetà ċivili tal-Ġordan.

L-UE u l-Ġordan stabbilew ukoll qafas għall-parteciġazzjoni tal-Ġordan fl-**operazzjonijiet tal-UE tal-ġestjoni tal-kriżijiet**, eżempju ieħor tal-kooperazzjoni mill-qrib dwar kwistjonijiet ta' sigurtà li jistgħu jibnu fuqhom.

2. PROMOZZJONI TAL-ISTABBILTÀ EKONOMIKA SOSTENIBBLI, TKABBIR EKOLOĠIKU, DIĠITALI, INKLUŻIV U BBAŻAT FUQ L-GĦARFIEN, IL-KWALITÀ TAL-EDUKAZZJONI U L-ĦOLQIEN TA' IMPJIEGI DEĊENTI

Il-kriżi tas-Sirja u l-preżenza fit-tul tar-rifuġjati li l-kriżi kkaġunat ħallew impatt qawwi fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-Ġordan, ir-riżorsi naturali skarsi tiegħu u l-forniment ta' servizzi bażiċi u komplew jgħarrqu sitwazzjoni ekonomika li diġà kienet diffiċli. Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat b'mod sinifikanti l-isfidi soċjoekonomiċi, il-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi. Għalhekk, **id-djalogu ekonomiku, ir-riformi u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet makroekonomiċi** se jiġu żviluppati ulterjorment u implimentati bil-ħsieb li jiġu promossi politiki makroekonomiċi u strutturali sodi li jrawmu potenzjal ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv, tiżdied ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-Ġordan għax-xokkijiet ekonomiċi u tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f'koordinazzjoni ma' donaturi multilaterali u bilaterali. L-isforzi sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà makroekonomika jenħteġ li jitkomplew fil-kuntest tal-programm rivedut tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-impenji tal-Ġordan mal-komunità internazzjonali wara l-Konferenza ta' Londra fl-2019 u l-Matriċi ta' Riforma tal-Ġordan. L-UE qiegħda ssostni dawn l-isforzi permezz tal-assistenza tagħha ta' kooperazzjoni, kif ukoll permezz ta' programmi sostanzjali ta' assistenza makrofinanzjarja.

Apparti l-ġestjoni fiskali u baġitarja tajba, il-kooperazzjoni se titkompla wkoll fir-**riformi tas-settur pubbliku tal-Ġordan** sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, iżda anke l-effiċjenza kumplessiva u l-kapaċitajiet tiegħu ta' forniment ta' servizzi.

Sfida soċjoekonomika ewlenija għall-Ġordan, fost l-oħrajn bħala riżultat ta' kriżijiet reġjonali fit-tul, hija l-aċċess mhux ugwali għall-impjiegi, inkluż għan-nisa u ż-żgħażaġh, it-tkabbir ekonomiku baxx, il-qgħad għoli, u d-dejn dejjem jiżdied. Dan għandu jingħeleb billi jinholq xogħol deċenti, jiġu appoġġati l-intraprenditorija u l-innovazzjoni - b'mod partikolari fl-ekonomija ekoloġika, diġitali u soċjali - billi jiġu żviluppati l-ħiliet u l-kwalifiki - billi jitrawmu t-taħriġ immirat, l-edukazzjoni u r-riċerka - u billi tiġi żviluppata sistema ta' protezzjoni soċjali mmirata u komprensiva. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija għandhom l-għan li jindirizzaw dan kollu billi japplikaw għodod varji ta' politika: il-kummerċ; l-iżvilupp tan-negozju; l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja; mobilità akbar. L-għan ta' dawn l-istrumenti kollha huwa wkoll l-emanċipazzjoni ekonomika u l-parteeipazzjoni tas-segmenti kollha tas-soċjetà.

- (a) **In-Negozju għall-Iżvilupp** jikkostitwixxi element ewlieni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija. Il-ħolqien tal-impjiegi, appoġġat miż-żieda fl-esportazzjonijiet lejn l-UE skont l-iskema ssimplifikata tar-regoli tal-orijini u l-miżuri li jakkumpanjawha, se jkun ta' benefiċċju għall-Ġordan. L-UE u l-Ġordan se jidentifikaw b'mod konġunt approċċi xierqa sabiex itejbu l-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali ta' kummerċ u investiment. Barra minn hekk, l-UE u l-Ġordan se jaħdmu flimkien fuq l-SMEs, l-iżvilupp, it-teknoloġija u l-għarfien sabiex isaħħu r-rabtiet bilaterali u ekonomiċi.
- (b) B'mod parallel, l-UE u l-Ġordan se jkomplu d-**djalogu** tagħhom, sabiex jinkoraġġixxu l-armonizzazzjoni f'oqsma bħall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (MSF), l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (OTK) u s-servizzi bil-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ u jsaħħu l-attraenza tal-Ġordan għall-investiment. Barra minn hekk, sabiex jiġu protetti aħjar is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, u sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ, l-UE se taħdem mal-Ġordan sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa effettivi għas-sikurezza tal-prodotti, f'konformità mal-istandards internazzjonali, filwaqt li jiġu evitati ostakli mhux tariffarji.
- (c) L-UE u l-Ġordan se jipprijoritizzaw u jimmultiplikaw l-isforzi tagħhom sabiex: **it-titjib tal-klima tan-negozju** u l-attirar ta' investimenti, b'mod partikolari dawk li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi, reżiljenti u ċirkolari; **l-appoġġ għall-produttività u l-kompetittività tas-settur privat** u l-promozzjoni tal-intraprenditorija (anki permezz ta' riforma legali, regolatorja u amministrattiva inkluż il-politiki tal-kompetizzjoni u r-regoli dwar il-kontroll tas-sussidji, is-self lill-kumpaniji u l-aħjar użu mit-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika); **il-ħolqien tas-sett ix-xieraq ta' għarfien u hili**et meħtieġa fis-suq tax-xogħol tal-Ġordan u għall-ekonomija ekoloġika, diġitali u soċjali. **Inizjattiva ġdida ta' investiment sostenibbli**, kif imsemmi hawn fuq, tista' tgħin sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi. Barra minn hekk, l-UE u l-Ġordan se jaħdmu flimkien sabiex isaħħu s-setturi bbażati fuq l-għarfien, li hija ħaġa importanti għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġ u n-nisa kif ukoll sabiex jiġu appoġġati u tingħata s-setgħa lill-kumpaniji, speċjalment fis-setturi ekonomiċi l-aktar affettwati mill-pandemija tal-COVID-19.

(d) **L-edukazzjoni** hija strument b'saħħtu ieħor għat-tisħiħ tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Se tkun ċentrali għall-Ġordan, filwaqt li taħdem f'kooperazzjoni mal-UE, sabiex tikseb riżultati fir-rigward ta' din il-prijorità ħalli tkun ta' benefiċċju għal dawk kollha li jgħixu fil-Ġordan u jingħelbu l-isfidi assoċjati mal-COVID-19 u jitnaqqsu d-diskrepanzi fl-apprendiment. **L-aċċess għal edukazzjoni pubblika sikura u ta' kwalità għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għall-adulti żgħażagħ kollha fil-livelli kollha** se jiggwida l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunità li jistudja, jibni l-futur tiegħu stess u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp tal-pajjiż. It-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni li jirrispondu għas-suq tax-xogħol jistħoqqilhom attenzjoni partikolari, bħalma jistħoqqilhom ukoll l-edukazzjoni għolja u l-apprendiment tul il-ħajja.

L-UE u l-Ġordan se jikkooperaw ukoll, b'mod bilaterali u fil-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran, fl-oqsma **tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-istrateġija tal-innovazzjoni**, inkluż billi jimplimentaw pjanijiet direzzjonali sabiex jindirizzaw priyoritajiet konġunti bħat-Tibdil fil-Klima, is-Saħħa u l-Enerġija Rinnovabbli.

L-UE u l-Ġordan se jrawmu riċerka innovattiva u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien u kooperazzjoni dwar **l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika allinjata mal-Istrateġija għas-Settur tal-Enerġija tal-Ġordan (2020-2030), u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, anki għal Prattiki Agrikoli sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-iskart, inkluż ilma tax-xorb sikur**. Il-kooperazzjoni tagħhom se tkun konformi mal-Aġenda 2030 u mal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'azzjoni msaħħa sabiex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, reżiljenti u ċirkolari. Il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni se tkompli permezz ta' Orizzont Ewropa, il-programm tas-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) u l-Pjattaforma Reġjonali tal-UgħM dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

L-UE u l-Ġordan se jistabbilixxu forum għall-identifikazzjoni u t-tħejjija ta' **proġetti futuri ta' investiment**, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali tal-Ġordan u f'koordinazzjoni ma' donaturi bilaterali u multilaterali. L-UE se timmira, fost l-oħrajn, li tappoġġa lill-Ġordan, f'koordinazzjoni ma' donaturi oħrajn, fil-pjanijiet tiegħu li jimplimenta l-proġett ta' Aqaba Amman tad-Desalinizzazzjoni u t-Twassil tal-Ilma (AAWDC) bħala proġett nazzjonali strateġiku li għandu l-għan li jnaqqas id-defiċit fir-riżorsi kruċjali tal-ilma tal-pajjiż.

L-UE u l-Ġordan se jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw **il-koerenza bejn il-prijoritajiet tal-Enerġija, tal-ilma, tal-Ikel, tas-Saħħa u tat-Tibdil fil-Klima**, jippromwovu l-implimentazzjoni tagħhom u jiżguraw proċessi parteċipattivi fil-livelli reġjonali u internazzjonali.

3. TISĦIĦ TAL-GOVERNANZA TAJBA, L-ISTAT TAD-DRITT, IR-RIFORMA DEMOKRATIKA U R-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM

F'konformità mal-impenn qawwi tal-Ġordan għal proċess ta' riforma kontinwu mrawwem mill-Kumitat Rjali għall-Modernizzazzjoni tas-Sistema Politika, l-UE u l-Ġordan se jkomplu jaħdmu flimkien bil-għan li jkomplu jsaħħu s-sistema demokratika u ġudizzjarja fil-Ġordan, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali. L-UE u l-Ġordan se jappoġġaw passi sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, l-aspetti kollha relatati ma' soċjetà ċivili effettiva u stabbilita sew, anki billi jistabbilixxu ambjent tax-xogħol legali u spazju operazzjonali li huma favorevoli għall-iżvilupp ta' soċjetà ċivili haġja.

Il-kooperazzjoni se tiffoka fuq l-implimentazzjoni tar-riformi komprensivi u inklużivi, filwaqt li tkompli ssaħħaħ l-effettività, l-effiċjenza u l-indipendenza tal-ġudikatura, kif ukoll l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, f'konformità mal-istandards aċċettati internazzjonalment. Se tinkludi l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, billi tippromwovi l-adeżjoni mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-implimentazzjoni tagħhom, u permezz ta' ħidma lejn ftehim internazzjonali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali flimkien mal-Eurojust. Il-kooperazzjoni se tiffoka wkoll fuq il-proċess elettorali (inkluż is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u ta' Esperti Elettorali tal-UE), l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-parteċipazzjoni politika sinifikanti tan-nisa u taż-żgħażaġh, u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa fil-ħajja politika u pubblika. Id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, l-edukazzjoni ċivika, it-tisħiħ tas-sistema tal-partiti politiċi u r-rwol ta' sorveljanza u leġiżlattiv tal-Parlament, ir-rabtiet bejn il-politika lokali u nazzjonali, djalogu soċjali sinifikanti, il-proċess ta' deċentralizzazzjoni, il-media pluralistika u indipendenti, it-trasparenza, inkluża t-trasparenza finanzjarja, u l-akkontabilità kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni se jkunu wkoll parti mill-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan.

L-UE u l-Ġordan se jkomplu jiltaqgħu għal **djalogu regolari dwar id-demokrazija u l-governanza tajba, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem**. Id-djalogu se jibni fuq il-kisbiet u l-impenji internazzjonali, reġjonali u nazzjonali tal-Ġordan. Is-soċjetà ċivili se tiġi mistiedna b'mod konġunt sabiex tagħti kontribut.

Rigward id-**drittijiet tal-bniedem** b'mod speċifiku, id-djalogu regolari se jindirizza fost l-oħrajn: il-libertà tal-espressjoni fil-forom kollha tagħha; il-libertà ta' assoċjazzjoni inkluż l-ambjent tax-xogħol għas-soċjetà ċivili u għas-šhab soċjali, bħat-trade unions u l-kmamar tal-kummerċ; id-drittijiet tan-nisa u l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika, u d-drittijiet tat-tfal. Amministrazzjoni pubblika responsabbli għal għemilha, trasparenti, effiċjenti u inklużiva hija essenzjali sabiex jiġu implimentati dawn il-miri, u sabiex jiġu promossi u msaħħa ulterjorment id-demokrazija u l-governanza tajba tal-Ġordan u l-ġlieda tiegħu kontra l-frodi u l-korruzzjoni, anki permezz ta' kooperazzjoni effettiva u effiċjenti mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Id-djalogu se jqis kif xieraq l-impenji li diġà ħa l-Ġordan fil-livell multilaterali. Id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, pereżempju fuq l-edukazzjoni u x-xogħol, se jkunu koperti wkoll f'dan id-djalogu. Id-djalogu se jkun marbut b'mod partikolari ma' oqsma li jinsabu fil-Prijoritajiet tas-Šhubija.

Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali, l-UE se tkompli timpenja ruħha favur il-promozzjoni tal-konverżjoni ulterjuri mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-Ġordan jenħtieġ li jieħu passi prattiċi ulterjuri sabiex jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali fis-setturi pubbliċi u privati, inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali.

RISPONS GĦALL-KRIŻI SIRJANA

L-UE u l-Ġordan se jkomplu jaħdmu flimkien sabiex isibu soluzzjonijiet dejjiema u sostenibbli għall-kriżi Sirjana f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jippermettu r-ritorn volontarju, sikur u dinjituż tar-refuġjati. L-isforzi tagħhom se jkomplu jipprovdu aċċess għall-protezzjoni, l-għajxien u s-servizzi kemm għar-refuġjati kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti vulnerabbli, anki permezz tal-miżuri li ġejjin:

- L-iffaċilitar kontinwu tal-istatus amministrattiv tar-refuġjati u l-iżgurar ta' protezzjoni effettiva, aċċess għal servizzi bażiċi u rispett għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u legali tagħhom;

- It-titjib tal-aċċess u l-kwalità tas-servizzi essenzjali, inklużi l-assistenza soċjali, is-servizzi tad-dranaġġ, il-kura tas-saħħa inklużi s-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali u l-
edukazzjoni formali u mhux formali;
- Iż-żieda fl-ġhajxien u l-awtodipendenza tagħhom billi jinħolqu opportunitajiet ta' kontribut għall-iżvilupp ekonomiku tal-Ġordan permezz, fost l-oħrajn, ta': titjib tal-klima kummerċjali u tisħiħ tal-produttività u tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol; appoġġ għall-politiki favur it-tqabbil tal-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; iffaċilitar tal-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ; titjib u espansjoni tal-aċċess għal opportunitajiet tax-xogħol anki permezz tal-appoġġ ta' negozji bbażati fid-dar u permessi tax-xogħol; tisħiħ tal-emanċipazzjoni ekonomika u tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u tan-nisa.
- It-trawwim tal-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-UE, anki permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-iskema tar-regoli tal-orijini għall-Ġordan, sabiex jiġu promossi l-investimenti u l-ħolqien tal-impjiegi, li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-Ġordaniżi kif ukoll għar-refuġjati Sirjani.

MEKKANIŻMI GĦAD-DJALOGU U GĦALL-KOOPERAZZJONI REĊIPROKA

Il-qafas ġenerali għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ġordan huwa stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li daħal fis-seħħ fl-2002, u l-Istatus Avvanzat miksub fl-2010. **Ir-razzjonalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni** nkisbet b'suċċess permezz tar-raggruppament tas-sottokomitati fi ftit djalogi tematiċi skont il-Prijoritajiet ta' Sħubija u billi ġew ikkomplementati d-djalogi politiċi.

F'korrelazzjoni mar-rieżami tal-Aġenda għall-Mediterran u tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-2024, huwa previst ukoll rieżami ta' nofs it-terminu sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-Prijoritajiet tas-Sħubija li se jiġu miftiehma b'mod reċiproku bejn l-UE u l-Ġordan, ' u, fejn meħtieġ, biex jiġu adattati.

Barra minn hekk, sabiex jiġi appoġġat l-ġhoti **tal-appoġġ tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi tar-refuġjati Sirjani**, se jsir rieżami regolari tal-impenji reċiproċi rilevanti skont dawn il-Prijoritajiet fil-kuntast tal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-Ġordan kif ukoll djalogi u laqgħat rilevanti oħrajn, u permezz tas-segwitu għall-konferenzi ta' Brussell.

F'konformità **mal-prinċipju ta' sjieda akbar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat**, l-UE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, se tipparteċipa fil-koordinazzjoni ta' mekkaniżmi mal-Gvern tal-Ġordan fil-livell ċentrali u lokali, u mas-sħab, bħas-soċjetà ċivili u s-settur privat.

Filwaqt li ssegwi l-ambizzjonijiet deskritti fil-Prijoritajiet tas-Sħubija, l-UE hija impenjata li tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju u li timpenja ruħha fil-komunità internazzjonali b'appoġġ għall-Ġordan, u l-Ġordan jimpenja ruħu li jkompli jimplimenta l-aġenda ta' riforma tiegħu, li se tkun ċentrali sabiex ikun possibbli s-suċċess konġunt tas-sħubija.